

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/128

tal-25 ta' Novembru 2019

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
japplika sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti tal-preferenzi tariffarji skont l-arranġament ġeneralisti tal-Iskema ta' Preferenzi Ġeneralizzati ("SGP").
- (2) L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jistipula li pajjiż li jkun ġie kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż ta' dħul għoli jew bi dħul medju superjuri għal tliet snin konsekuttivi immedjatament qabel l-aġġornament tal-lista tal-pajjiżi beneficiarji ma jistax jibbenefika mill-SGP.
- (3) Il-lista tal-pajjiżi beneficiarji tal-SGP imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, hija stabbilita fl-Anness II ta'dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-Anness II sal-1 ta' Jannar kull sena sabiex temenda l-istatus tal-pajjiżi elenkat skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 4.
- (4) Skont il-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, hemm bżonn li pajjiż beneficiarju tal-SGP u l-operaturi ekonomiċi jingħataw żmien bizzżejjed biex l-istatus tal-pajjiż fir-rigward tal-SGP jinbidel b'mod ordnat. Għaldaqstant, l-arranġament tal-SGP jenħtieġ li jkompli għal sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' bidla fl-istatus ta' pajjiż b'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.
- (5) Nauru, Samoa, u Tonga ġew ikklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul medju superjuri fl-2017, fl-2018 u l-2019. B'konformità ma' dan, ma għadhomx jikkwalifikaw għal status ta' beneficiarju tal-SGP skont l-Artikolu 4(1)(a) u għandhom jitneħħew mill-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. L-arranġament tal-SGP fil-konfront ta' dawn il-pajjiżi jenħtieġ li jkompli għal sena waħda wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni biex dawk il-pajjiżi jitneħħew mill-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. Għalhekk, fl-interessi tas-sempliċità u c-ċertezza legali, Nauru, Samoa u Tonga għandhom jitneħħew mill-Anness II b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, il-pajjiżi li ġejjin u l-kodiċi alfabetiċi korrispondenti jiddaħħlu taħt il-koloni A u B, rispettivament:

NR	Nauru
WS	Samoa
TO	Tonga'

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

L-Artikolu 1 għandu jibda jaapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER